# IL-BIXRA TA' GESU

Ħadd ma jista' jmieri li Ġesù huwa l-aktar bniedem ħaj tal-istorja. Dân ma kienx hemm għal fejn jgħîdu Renan f'dik il-fexxa ta' kliem sabiħ li kiteb, wara li semma l-mewt tiegħu fûq is-salib (1). Il-kliem sabiħ li qal Renan ma kienx ħiereġ minn qalbu, għalhekk huwa agħarr mix-xitân; għax ix-xitân għal kemm għadu ta' Ġesù, qal is-sewwa, u stqarru b'Iben t'Alla (2), ħaġa li Renan ma għamilhiex.

Kemm nies xtâqu b'ħerqa kbîra li jaraw b'għajnejhom wiċċ il-Mulej, u ma rawħx! (3). La darba hu l-aktar bniedem ħaj tal-istorja, huwa wkol l-aktar bniedem maħbûb u mixtieq, minn dawk li jaqblu miegħu. Għal hekk dawna xtâqu li kieku jibdew jitgħaxxqu bîh sa minn dîn il-ħajja. Hi ħaġa minn awl id-dinja li dak li jkun iħossha bi tqîla li jrîd jâra l-wiċċ ta' min iħobb, u jisma' leħnu, u le ma jista'.

Dawk li kitbu l-Evanġelji ħallewlna t-tifsîr fûq xi ġrajjiet tal-ħajja ta' Ġesù. Fil-qosor għall-aħħar, u bla ma dehrilhom li kitbu kollox, tawna tagħrîf fûq in-nisel Tiegħu t'Alla u bniedem (4); ħallewlna xi tagħrîf fûq iż-żmien tal-istorja li fih deher fid-dinja (5); ħallewlna wkoll miktûba xi ġrajjiet li jûru t-tjieba u l-ħniena tiegħu bla tarf (6), u għarrfûna wkoll b'sehem kbîr ġmielu mit-tagħlîm tiegħu (7). Hekk issa, wara li wieħed jaqra b'dehwa l-Evanġelji, id-dehra tar-Rûħ ta' Ġesù tidher ħajja quddiem il-għajnejn, bi ġmielha li jsaħħar.

Imma fûq il-bixra ta' Wiċċu l-Imbierek u l-Ġisem Tiegħu Għażîż, fl-Evanġelji ma nsibu xejn. Donnu li anqâs il-kittieba Pagâni ta' dak iż-żmien ma kellhom id-drawwa li jfissru l-bixra ta' nies mixħûra li jsemmu f'kitbiethom. Dân ix-xogħol fiċ-ċiviltà Griega u Rumâna ta' dâk iż-żmien kien jitħalla lin-naqqâxa u lis-sawwâra, li bir-rħam u bil-bronż u bil-lwien taż-żebgħa kienu jâgħtu xbieha aktar ċâra u milqûta milli



*Xbieha qadîma ta' Wiċċ Kristu, li kif jingħad, bagħatha Hu, lil Abgar, re ta' Edessa. Aktarx magħmûla minn dawk li kienu jżommu li Ġesù kien ikrah.*

jistgħu qatt jâgħtu il-kittieba bir-riqma tal-kliem.

Il-liġi ta' Mosè li magħha kien jagħmel Ġesù ma' tul ħajtu, kienet

timna' f'kollox u għal kollox, li jsîru xbieħât ta' ħwejjeġ ħajja: ta' bhejjem u aktar u aktar ta' nies (Ktieb il-Ħruġ, XX, 4). Hekk, imqar kieku fost dawk li kellhom qîma lejn Ġesù kien hemm xi ħadd li jista' jagħmel ix-xbieħa tiegħu, ma kienx jista' jagħmel dan bla ma jikser il-



*Xbieha qadîma ta' Wiċċ Kristu, li kif jingħad, bagħatha Hu lil Abgar, re ta' Edessa. Aktarx magħmula minn dawk li kienu jżommu li Ġesù kien sabîħ.*

Liġi; ħâġa li kienet jiebsa wisq għalihom li jagħmluha. Għal hekk għal xejn li wieħed ifittex ix-xbieħa ta' Ġesù magħmula fl-Ewwel Seklu, mill-Ixîrka tiegħu jew minn xi ħadd ieħor li kien jâfu.

U wieħed ma għandûx, u ma jistâx jorbot fûq ix-xbieħa ta' Ġesù magħmûla fit-Tieni Seklu, fil-katakombi ta' Ruma, għax dawk m'humiex xbieħat storki ta' Ġesù, imma xbieħat *imfissra*, bħal ma hûma Orfew, Ġôna, ir-Ragħaj it-Tajjeb, u hekk. U magħrûf ukoll li x-xieħat Biżantini kienu magħmûla fûq l-istħajjil, bħal ma hi l-Ħniena, il-Kobor, il-Għerf, ir-Rebħa fûq il-mewt ta' Ġesù m'hux fuq surtu, u bixirtu tas-sew, li kellu fid-dinja.

Billi ma kien hemm xejn biex wieħed jagħraf kif kienet bixret Ġesù, la fil-kitba ta' żmienu anqas fit-tiswir, inħolqu żewġ fehmiet fûq hekk, fost in-nies li xtâqu jagħrfuh; fehma bil-maqlûb tal-oħra; u hekk trawwmu żewġ xirkiet ta' nies: dawk li jgħîdu li Ġesù kien ikraħ, u dawk l-oħra li jgħîdu li Ġesù kien sabiħ. Tal-ewwel aktar qodma, imma ftit fil-għadd, u tat-tieni aktar imwaħħra, imma fil-għadd huma iżjed.

Fost dawk li jżommu li Ġesù kien ikraħ, hemm San Ġustinu Martri (†167), San Kelment ta' Lixandra (†217), Origenes (†254), Tertulljanu (†245) u oħrajn li ma nsemmuhomx, billi ma humiex magħrufa daqs dawna. Imma dawn qishom kollha jsejsu fehmithom fûq il-kliem tal-Profeta Isajija, fejn isemmi l-Qaddej ta' Jahwe, meta kien fit-tbatija (Is. LII, 14; LIII, 2-3). Tertulljanu jgħidha ċâra: *Vultus ejus et aspectus ingloriosus, sicut Isaias prenunciavit.* (Wiċċu u d-dehra tiegħu bla ġmiel, kif ħabbar Isajija). Oriġenes, imbagħad, żied jgħid li Ġesù kien hekk ikraħ, li kien iġîb stmerrija. F'dil-fehma hemm il-għelt, li dawn in-nies ħadu bi krûha tal-ġisem il-kliem li qâl il-Profeta kîf kellu jkun Ġesù waqt il-Passjoni, li ma' tûlha, bis-swât li qala' u l-moħqrija li nħaqar, deher hekk ikraħ, li jġîb id-dardîr.

Ma hemm ebda sies ta' min iqîsu fit-tpinġija tal-Biżantini li fix-xbieħat tagħhom iġibu lil Ġesù għarağ minn

sieqū l-leminija; u għalhekk ukoll fis-slâleb tal-Biżantini, tidher il-għûda ta' taħt ir-riġlejn fis-salîb, immejla, ħtija ta' dâk li jżommu huma, li Ġesù kellu sieqū l-leminija qasîra jew imgħawġa (8). Fis-Sekli ta' wara mbagħad, ma kienx biż-żejjed li jgħidu li Ġesù kien ikraħ, imma bdew jgħidu wkoll fejn kienet din kruhitu: kien qasir (erba' piedi u ħames pulzieri); għajnu l-waħda baxxa; għaraġ minn sieqū tal-lemin u mgħawweġ 'il quddiem, u ħwejjeġ oħra.

Aktar fil-għadd, imma kîf għedna qabel, aktar imwaħħra, huma dawk li jżommu li Ġesù kien sabîħ. Imma dawn ukoll isejsu l-fehma tagħhom m'hux fûq l-istorja, imma fuq xi kliem tal-Kotba tal-Għaqda l-Qadîma. L-aqwa sies tal-fehma tagħhom li Ġesù kien sabiħ, huwa l-kliem tat-tielet vers tas-Salm XLV: "Int sabiħ l-isbaħ wieħed fost ulied Adam. Il-ħajr joħroġ minn xuftejk'. Santu Wistin, meta jfisser il-kliem tal-Għanja tal-Għanjiet (I, 2); *Ideo adulescentulae dilexerunt te* (għal hekk il-bnejtiet ħabbewk), jgħid li Ġesù kien l-isbaħ bniedem li qatt deher fid-dinja. Hekk ukoll, bejn wieħed u ieħor, jgħîd San Ġlôrmu (†420), San Ġwann Krisostmu (†407) u San Girgôr ta' Nissa (†400), li sejsu fehmithom fuq kliem is-Salm li għedna fuq.

Oħrajn, li jżommu wkoll li Ġesù kien sabiħ, jidħlu wkoll fir-rqaqât biex ifissru kif kien il-ġmiel tiegħu. Jgħîdu li kellu saqajh daqsinsew; kien twil (sitt piedi u seba' pulzieri); xagħru kien qastni jagħti għall-isfar, u nnukklât; subgħajh twâl u rqaq fi trufhom. Kellu għajnejh sbieħ u ħuġbejh imqawsa u muswafa, u jilħqu l-xulxin fuq l-imnieħer (9).

Jekk il-Liżâr li jinsâb merfugħ f'Torîn huwa minnu, kîf daż-żmien mitwemmen minn kotra kbîra ta' nies għorrief ix-xbieha tar-râġel mejjet li tinsâb fih, tagħti ħaqq lil dawk li jgħidu li Ġesù kien sabiħ.

Kîf jgħîdu xi tobba li jifhmu sew, bħal ma hûma Judica, Barbet, Hyner Romanese u Masara, li flew bir-reqqa



*Xbieha ta' Kristu minquxa fuq l-emerald, li tinsâb ir-Russja. Kif jgħîdu mill-qedem, kien bagħtha Ponzju Pilâtu lill-Imperatur Tiberju, meta Ġesù kien għadu fid-dinja. Taqbel mat-tifsir li kiteb san Niċefru Kallistu.* (*Ara n-nota* 9).

l-Liżâr imsemmi, ix-xbieha li fîh turi ġmiel temmi fir-raġel li kien imkeffen, sewwa fit-tidqis tal-ishma tal-ġisem, kif ukoll fit-taqsim imxierek tal-wiċċ. Dân, barra milli jidhru fih



*Il-Wiċċ Imqaddes ta' Sidna Ġesù Kristu;*
*xbiha meħûda mil-Liżâr ta' Torîn.*

ukoll għaqal, għerf, xoħra u qdusija. It-tabîb Hyner ta' Prâga, li dâm żmien twil jifli x-xbieha tal-Liżar, jgħid li x-xbieha tal-ġisem tar-raġel il-mejjet, taqbel f'kollox ma' dak li jgħidulu ġmiel klassku; ġmiel li jidher imfisser tajjeb fit-taqsîm tal-għaġeb tal-wiċċ, imdaqqas f'kull ma għandu x'jaqsam miegħu (10).

Dawk li jemmnu li Ġesù kien sabiħ, jinqdew ukoll, bħala sies ta' fehmithom bil-kliem ta' San Lûqa fl-Evanġelju, (k. II, v. 52,) li jaqalbuh, kif jifhmu ta' tobba li huma, hekk: "U

Ġesù kien jikber u jiżdied fil-għerf u l-ġmiel, quddiem Alla u quddiem in-nies". U hemm kittieba ta' dażżmien, li meta jaqalbu dal-kliem mill-Grieg għal xi lsien ieħor, jagħtuh ukoll dîn it-tifsîra. Hekk, il-fehma li Ġesù kien raġel sabiħ, għandha sies sa fl-Evanġelju ta' San Luqa, li huwa wkoll, kif jingħad, kien tabib u sawwâr.

B'dana kollu, bħala egħlûq, jeħtieġ li ngħidu ħaġa; li: tal-aktar bniedem ħaj u mixħur tal-istorja, jiġifieri ta' Ġesù, għal kemm in-nies miġbudin li jagħmlu suriet u xbieħat ta' dawk li jħobbu, biex jibqgħu aktar jaħsbu fihom, *ma għandna xejn li hu tassew ċert, li juri kif kienet il-bixra vera tiegħu.*

P. NAZJU MANCINI, O.F.M.

---

(1). Il-kliem ta' Ernest Renan (li biċċa minnu tinsab fl-aħħar faċċata tal-ktieb tal-Abbati Ricciotti: "La Vita di Gesù Cristo"), maqlub bil-Malti, hu bejn wieħed u ieħor, dan: *Istrieħ fis-Sebħ Tiegħek, ja Mexxej xieħer! Tiegħek mitmuma hija l-ħidma, u mwaqqfa d-Divinità. La tibżax aktar li tara jiġġarraf, ħtija ta' xi nuqqas, il-bini kbir li Int bnejt. Minn issa 'l quddiem, meħlus minn kull dgħufija, tħares mill-għoli tal-Hena Divina lejn l-imgħax bla qjies li jiġi mill-egħmil Tiegħek. Bis-saħħa ta' ftit siegħat ta' wġiegħ li ma kellhomx ħila anqas li jtiefsu r-Ruħ kbira Tiegħek, Inti tibqa ħaj bl-aqwa ħajja, għal dejjem. Għal eluf ta' snin li għad jiġu, id-dinja toqgħod għal kelmtek. Inti hu l-egħliem tal-ġlieda tagħna; u ma' dwarek nitqabdu l-eħrex taqbida. Għal elf darba aktar ħaj, għal elf darba aktar maħbub wara mewtek milli kont fil-jiem tal-mogħdija Tiegħek minn din id-dinja. Int sirt il-qofol ta' ġens il-bniedem, hekk li jekk xi ħadd iwarrab minnu Ismek, ikun xorta waħda, daqs kieku ġarrfu mill-qiegħ tiegħu. Bejnek u bejn Alla ma jkunx hemm aktar għażla. Ja Lilek, li rbaħt rebħa sħiħa fuq il-mewt, ħu f'idejk il-egħliem Tiegħek, fejn jimxu wrajk fit-triq il-wiesgħa li Inti ftaħt, għal eluf ta' snin, dawk li jagħtuk qima!*

(2). Ara l-Evanġelju ta' San Mark, I, 24; III, 11-12, u nħawi oħra. Il-ktieb ta' Renan, *Vie de Jesus*, għall-ewwel li ħareġ (1865) għamel ħafna ħoss, u qalbuh f'bos-



*Ritratt negattiv tal-Liżâr Imqaddes ta' Kristu, li kif kien mitwemmen u issa jinsâb f'Kattidral mibni għalih f'Torîn. It-tbajja tal-ġnub huma aktar tan-*

ta ilsna, u għamel wisq ħsara, imma wara ngħaraf li ma fih ebda siwi. Il-lum min jaqrah, jaqrah għal ġmiel tal-lingwa, l-aktar jekk jaqrah bl-oriġinal Franċiż, imma m hux għax fih xi serjetà.

(3). Ġesù kien jobsru dana, kif qal darba lill-Appostli; ara Matt. XIII, 16-17; Luqa, X, 23-24; u XVII, 22.

(4). Ara l-ewwel kap ta' San Mattew. U San Luqa, I, 26-38.

(5). Ara San Luqa, III, 1-2.

(6). Il-fejqan ta' għadd kbir ta' morda; il-maħfra u l-faraġ ta' għadd ta' midinbin; il-qawma mill-mewt ta' bint Ġajru u bin l-armla ta' Nagħim.

(7). L-iżjed il-Priedka l-Kbira ta' fuq il-għolja, Matt. V, VI, u VII, u Luqa, mxerrda fl-Evanġelju tiegħu, 'l hawn u 'l hemm.

(8). Dan wieħed jista' jarah jekk jidħol daħla fil-knisja tal-Griegi, il-belt, fejn is-salib li hemm fuq il-bieb tal-*ikonostasis*, għandu l-għuda ta' taħt riġlejn il-kurċifiss, in-naħa tal-lemin imtellgħa u n-naħa tax-xellug imniżżla. U l-kurċifiss ukoll sieqû tal-lemin imgħawġa u miġbuda 'l fuq. Il-ħjiel ta' dawn ir-rqaqat fuq il-kruha ta' Ġesù aktarx inbeda billi l-Insara ewlenija ħawwdu wieħed mal-ieħor lil Ġesù u lill-San Pawl li kien tas-sew ikrah. Dak li kien qasir u sieqû mgħawġa u fartas minn quddiem, kien San Pawl, kif jidher mill-ktieb Apokrifu, imma li fih nafna ġrajjiet minnhom, jismu *Acta Pauli*, kap. II v. 8, u mit-Tieni Ittra lil Korintin, k. X v. 10. U targa: jista' qatt ikun li l-Lhud jieħdu quddiem Pilatu wieħed għaraġ, u għawar minn għajnu l-wahda, u jgħidulu li dan ried isir sultan tagħhom? Sultan irid ikun imġissem u mingħajr nuqqas f'suret ġismu, bħal ma kien Sawl (ara I Samwel, IX, 2) u David (ara I Samwel, XVI, 12). Jekk raġel biex ikun imdaħħal fil-ġemgħa tas-Sanhedrin kellu jkun imġissem u ta' dehra li ġġib qima, kemm aktar min kien irid isir Sultan?

(9). San Niċefru Kallistu, Patrijarka ta' Kostantinopli (†815), kien ukoll wieħed minn dawk li jgħidu li Ġesù kien sabiħ. Dan ħalla miktuba tifkira fuq ġmiel Ġesù li sa nġibuha, maqluba minn fuq il-Latin. Din hija: *Kien Wiċċu sabiħ u kollu ħajja. It-tul tiegħu kien ta' sebat ixbar* (palmos) *sewwa. Xuxtu qastnija u m'hix wisq sfiqa, u ftit mibruma. Ħuġbejh suwed u m'hux wisq imqawwsin. Minn għajnejh qastnin kienet ħierġa ħniena tal-għaġeb. Dawn kienu ftit imqabbżin, u mnieħru tawwali. Xagħar ilħitu safrani u m'hux twil wisq. Imma xagħar rasu kien twil, għax mus* (novacula) *fuq*



*nill-antîk, keffnu fih Ġużeppi t'Arimatija. Ġebuh is-Salibijin minn Kostantinôpli âr li saru meta l-knisja nħarqet u l-Liżâr kien meħlûs minn ġewwa l-ħuġġieġa.*

*rasu qatt ma tala' anqas ebda id ta' nies, ħlief t'Ommu, fiż-żmien biss li kien żgħir ħafna. Għonqu kien ftit immejjel 'il quddiem, hekk li surtu ma kenitx jiebsa wisq u wieqfa. Imbagħad Wiċċu kien lewn qamħi, m'hux imdawwar anqas tawwali; ftit immejjel 'il quddiem u kemm-xejn ħamrani* (modice rubicundus), *Id-dehra Tiegħu kienet ta' wieħed ħosbien u għaqli, f'egħmilu u fi kliemu* (Nicephorus Callixtus, Liber I cap. 40).

(10). Dun Ġorġ tal-Museum, daqs 46 sena ilu kien qalilna li ma jistax ikun li Ġesù kien sabiħ, għax in-nies tad-dinja jgħożżu l-ġmiel, u Ġesù n-nifsu stqarr li "dak li jgħożżu n-nies, kien qżież quddiem Alla" (Luqa, XVI, 15). L-aktar ħaġa li tista' tkun hi li Ġesù la kien sabiħ anqas ikraħ, imma kien hekk-hekk, biex ħadd ma jinġibed lejh, jew jistkerrħu, għal ġmiel jew kruha ta' Wiċċu, imma għal kliemu, jekk jaqbel jew le mal-fehma ta' dak li jkun, skond kif ikunu t-tħejjija u t-taħriġ ta' qalbu. (Noti tad-Direzzjoni).

# DAWK LI GHANDHOM IL-JEDD FIL-QABAR TA' KRISTU

Daż-żmien, barra mill-Kattolki, hemm tliet xorta ta' Insara oħra li m'humiex Kattolki, u li għandhom il-jedd li jagħtu qima fil-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu; dawn huma: l-Armêni, il-Qoptîn u l-Griegi. Meta l-ħakma tas-Salibijin (*Crociati*, bit-Taljan), li kienu Kattolki, intemmet minn Ġerusalem, fis-sena 1187, il-knejjes saru ħwejjeġ il-pajjiż. Kien bis-saħħa tar-Re u r-Reġîna ta' Nâpli, Robertu d'Angiò u Sanċa t'Aragôna, li l-Franġiskani, fis-sena 1331, qalgħu li jistgħu jidħlu jgħammru f'Ġerusalem, u jqaddsu u jqimu mal-Insara l-oħra, li ma jaqblux ma Ruma, fil-Qabar ta' Kristu. Maż-żmien il-Franġiskani seħħilhom iġibu taħt idejhom il-kotra l-kbîra tal-Imkejjen Imqaddsa. Fis-seklu XV huma weħedhom kellhom il-jedd fuq il-Kappella tal-Qabar ta' Kristu u ta' fuq il-Kalvarju. Din il-qagħda baqgħet hekk bla tbiddlet sa ma l-Palestina waqgħet taħt idejn it-Torok ta' Kostantinopli fis-sena 1517. Il-Qoptîn, meta kien isaltan Slimâ, fil-1547, qabdu d-daqqa, meta l-Franġiskani ta' Ġerusalem u Betlehem kienu marbuta fil-ħabs, u bdew jindeħsu fil-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu, u bnew Kappella għalihom tmiss maddahar tal-Kappella tal-Qabar. L-Armêni wkoll ftit wara qalgħu minn għand is-sultan Tork li jagħmlu l-ħaflliet, jew *funzjonijiet* tagħhom fil-Bażilka.

Il-Qassisîn Griegi li kienu reġgħu daħlu l-Palestina meta ħaduha t-Torok, billi pajjiżhom, il-Greċja, kienet ukoll taħt il-ħakma Torka, bdew jitħâbtu b'ruħhom u ġisimhom, biex jieħdu mill-aktar li jistgħu jeddijiet minn tal-Franġiskani. Għall-ewwel, fis-snîn ta' bejn l-1620 u l-1630, minn xi mkejjen, il-Griegi ħadu l-jeddijiet kollha li kellhom il-Franġiskani u minn imkejjen oħra ħaduulhom ħafna. Bl-indaħîl tar-Republika ta' Venezja u tar-Renju ta' Franza, lil Franġiskani rtaddewlhom xi ftit jeddijiet milli kienu tteħdulhom. Imma fis-sena 1757 lil Griegi raġa' seħħilhom li jirkbu r-riħ, u l-Franġiskani reġgħu kienu misruqin minn wisq jeddijiet milli kellhom, li kienu kisbuhom b'somom kbâr ta' flus, mogħtija lis-slâten ta' Kostaninopli. Imbagħad saret il-Liġi ta' li-*Statu Quo*, jiġifieri li kull ħadd kellu jibqa' billi għandu; Liġi li għadha sejra sal-lum.